# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 14 ta' Marzu, 2024**

**Numru 6**

**Rikors Numru 518/19TA**

**Maria Matruscelli (Karta tal-Identita Taljana Nru AU5771480) bħala eredi ta' Aniello Fariello (detentur tal-passaport Taljan bin-numru AA0222867)**

**vs**

**(i) Palumbo Malta Shipyards Limited (Nru ta reġistrazzjoni C-48983),**
**(ii) Moby S.p.A (Reg. MI1641019) u**
**(iii) Antonio Scotto Ciccariello (K.I. Taljana Nru AT7560950)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Maria Matruscelli (l-Attriċi) tad-29 ta' Mejju 2019 li permezz tiegħu ppremettiet u talbet is-segwenti:

1. "Illi l-rikorrenti Maria Matruscelli, hija omm id-defunt Aniello Fariello (detentur tal-passaport Taljan bin-numru AA0222867), li tilef ħajtu intortament fuq il-post tax-xogħol wara inċident li seħħ nhar it-18 ta Jannar, 2016 abbord il-bastiment MV Galaxy (ex-MV Banasa u

riċentement magħruf ukoll bħala MV Moby Kiss - IMO Nru. 8358755) li huwa propjeta' tas-soċjeta' Moby S.p.A u li dak iż-żmien kien jinsab sorġut ġewwa l-Port il-Kbir ta' Malta għat-tiswija;

2. Illi l-inċident imsemmi seħħ waqt li s-Sur Fariello kien qed jaqdi l-inkarigu tiegħu abbord il-bastiment de quo, li huwa reġistrat ġewwa Limassol fic-Ċipru u li dak inhar tal-incident kien sorġut ma' Xatt il-Fabbrika Palumbo Shipyard, fil-kapaċita tiegħu bħala Ship Repair Manager mas-soċjeta' intimata Palumbo Malta Shipyard (kopja tal-kuntratt ta' mpjieg anness u mmarkat bhala "Dok. AF1") u dan hekk kif waqt illi li l-bastiment MV Galaxy kien qieghed jiġi rmiġġiat ir-rukkell (capstan) - li minnhu kienet mgħoddija wahda miċ-ċimi - ċeda' u tqaċċat minn postu bil-konsegwenza li ċ-ċima relattiva laqtet lid-defunt f' rasu b' konsegwenzi fatali;

3. Illi Aniello Fariello miet intestat b'dan illi rriżulta li l-esponenti hija l-unika eredi tiegħu skond il-liġi (vide kopja tad-dikjarazzioni ta' suċċessjoni annessa u mmarkata bhala "Dok. AF2");

4. Illi dan l-akkadut ġara b' kawża tal-imperizija, negliġenza, traskuraġni u nuqqas t' osservanza tar-regolamenti relattivi tas-saħħa u sigurta, inkluż ai termini tal-Kap. 424 tal-Liġijiet ta Malta, u dan stante li l-intimati, jew min minnhom, naqqsu milli jieħdu l-prekawzjonijiet meħtieġa skond il-liġi meta kienet qed titwettaq l-operazzioni ta' rmiġ tal-bastiment MV Galaxy ġewwa l-port li matulha tilef ħajtu iben l-esponenti nomine;

5. Illi inoltre, għandu jigi rilevat illi minn inkjesta maġisterjali li saret taħt it-tmexxija tal-Magistrat Dr. Joseph Mifsud (PV419/16) sabiex jiġu investigati ċ-ċirkostanzi li wasslu għall-mewt ta' Aniello Fariello, irriżulta kjarament li l-bastiment MV Galaxy kien f' qagħda mwiegħra ferm fiż-żmien li seħħ l-inċident u li dan kien Malta propju sabiex isirlu re-fit komplut, b'dan illi jkun jista' jinġab f' qagħda adegwata;

6. Illi in vista tas-suespost jikkonsegwi ulterjorment li l-intimati, jew min minnhom, huma unikament responsabbli għad-danni li ġew rekati lir-rikorrenti nomine inter alia ai termini tal-Artikolu 1031 u 1032(1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan kif ser jigi ppruvat mir-rikorrenti nomine fi-perkors ta' dawn il-proceduri;

7. Illi minkejja li ġew interpellati sabiex jersqu ghall-likwidazzioni u ħlas ta' danni subiti mir-rikorrenti nomine b' konsegwenza tal-mewt ta' Aniello Fariello, inkluż permezz ta' ittra ufficjali bin-numru 160/18 (kopja hawn annessa u mmarkata bħala Dok. AF3) l-intimati baqgħu inadempjenti;

8. Illi għalhekk qiegħda ssir din il-kawza;

Għaldaqstant, fid-dawl tal-premess, ir-rikorrenti nomine umilment titlob li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha, prevja kwalsiasi dikjarazzioni li tista' tirritjeni neċessarja w opportuna;

I. Tiddikiara lill-intimati jew min minnhom unikament responsabbli għall-inċident li seħħ nhar it-18 ta' Jannar, 2016 abbord il-bastiment MV Galaxy u illi fiħ l-imsemmi Aniello Fariello (illi tiegħu hija werrieta l-esponenti nomine, Maria Matruscelli, skond il-liġi) tilef ħajtu intortament;

II. Konsegwentement tiddikjara illi l-intimati, jew min minnhom, huma unikament responsabbli għall-mewt tad-defunt Aniello Fariello u għad-danni kollha konsegwenzjali sofferti mill-esponenti nomine bħala werrieta legali tiegħu;

III. Tillikwida, okkorrendo bl-opera ta' perit/i nominandi, id-danni kollha sofferti mir-rikorrenti nomine, u;

IV. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom sabiex iħallsu lir-rikorrenti l-ammont ta' danni kif likwidat minn dina l-Onorabbli Qorti skond il-talba preċedenti.

Bl-ispejjeż kollha, inkluż dawk extra-ġudizzjarji u dawk tal-ittra uffiċjali numru 160/18 tas-17 ta' Jannar, 2018, u bl-imgħaxijiet legali sad-data tal-ħlas effettiv kontra l-intimati, jew min minnhom, li minn issa huma nġunti għas-subizzjoni, u b'riżerva ta' kwalunkwe azzjoni oħra spettanti lir-rikorrenti nomine skond il-liġi."

Rat ir-risposta ta' Palumbo Malta Shipyard Limited (il-konvenuta Palumbo) tal-10 ta' Lulju 2019 li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:

1. Illi t-talbiet attriċi kif interposti fil-konfront tas-soċjetà Palumbo Malta Shipyards Limited huma infondati fil-fatt u fid-dritt kif jista' u sejjer jiġi ppruvat waqt is-smiegħ tal-kawża;

2. Illi kif ammess anke mir-rikorrent l-inċident tat- 18 ta' Jannar 2016 seħħ waqt li "l-bastiment MV Galaxy kien qiegħed jiġi rmiġġjat", kwindi t-talbiet ma jistgħux jiġu milqugħa fil-konfront tas-soċjetà intimata li ċertament mhijiex il-leġittimu kontradittur u ma kellha qatt tiġi interpellata in ġudizzju;

3. Illi waqt il-manuvra tal-irmiġġjar, il-bastiment jkun dejjem fil-kontroll u taħt is-responsabiltà tal-Kaptan tiegħu u jkollu bosun, uffiċjal appositu inkarigat mill-irmiġġ u l-ħbula tal-bastiment, li ma kienx impjegat tas-soċjetà esponenti;

4. Illi mingħajr preġudizzju għall-permess il-presenza tal-istess Aniello Fariello abbord l-istess bastiment, waqt l-irmiġġjar tal-vapur jibqa' fattur inspjegabbli għaliex l-imsemmi defunt qatt ma kellu ebda ħtieġa u wisq anqas ma ngħata ebda ordni jew direttiva biex jkun abbord l-imsemmi bastiment li kif premess mill-istess rikorrenti kien qed jiġi ormeġġjat u l-istess defunt kien ingaġġat bħala inġinier u kien jokkupa l-pozizzioni ta' Assistant Ship Repair Manager li kellu jkun biss involut fix-xogħolijiet proġettati ġaladarba jkun ormeġġjat;

5. Illi jirriżulta wkoll li l-istess defunt inspjegabillment naqas mill-prudenza ordinarja li ma jibqax quddiem ħbula li kienu qed jistiraw ruħhom waqt l-irmeġġjar tal-bastiment u ingħata twissija sabiex saħansitra jersaq minn persuni li kienu jinstabu fuq il-moll jissorveljaw l-operazzioni tal-irmiġġjar. Illi d-defunt għalhekk ma kellu jkun qatt abbord il-bastiment u wisq inqas jippożizzjona ruħu quddiem l-istess ħbula li kienu qed jistiraw li hija l-minimu diligenza li wieħed jippretendi wisq aktar min inġinier navali bħal ma kien hu.

6. Illi jirriżulta ampjament mill-investigazzjonijiet illi d-defunt inniffsu poġġa ruħu ghall-periklu manifest meta pposizzjona ruħu proprju f' dik iż-żona tal-bastiment magħrufa propju bħala Snap Back Zone fejn poġġa lilu nnifsu f'żona ta' periklu manifest.

7. Illi jirriżulta illi l-intimati esponenti ma jistgħux jiġu kundannati jew dikjarati responsabbli bl-ebda mod għall-akkadut sinistru u jsegwi li ma hemm ebda danni x' jiġu hekk likwidati fil-konfront tal-istess soċjeta'.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri."

Rat ir-risposta ta' Dottor Abigail Bugeja bħala mandatarja speċjali tas-Soċjeta' estera Moby spa (il-konvenuta Moby) u ta' Antonio Scotto Ciccariello (il-konvenut Ciccariello) tat-3 ta' Frar 2020 li permezz tagħha wieġbu u eċċipew is-segwenti:

1. "ILLI preliminarjament l-azzjoni odjerna fil-konfront tas-soċjeta' eċċipjenti Moby S.p.A. u anke fil-konfront ta' Antonio Scotto Ciccariello hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u ghaldaqstant entrambi għandhom jiġu lliberati mill-osservanza tal-ġudizzju:

2. ILLI r-rikorrenti u cioe' Maria Matruscelli teħtieġ li tipprova li hija tassew il-werrieta tal-mejjet Aniello Fariello u dan taħt id-

disposizzionijiet tal-liġi applikabbli għall-kwistjoni ta' suċċessjoni f' dan il-kaz:

3. ILLI subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, is-soċjeta' eċċipjenti Moby S.p.A. u Antonio Scotto Ciccariello m'humiex il-leġittimi kuntraditturi u għandhom għalhekk jiġu lliberati mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti, u dana stante li huma qatt ma kellhom ebda relazzjoni legali jew ġuridika mal-mejjet Aniello Farello:

4. ILLI subordinatament u mingħajr preġudizzju, is-socjeta' eċċipjenti Moby S.p.A. u Antonio Scotto Ciccarello wkoll m' humiex il-leġittimi kuntraditturi u għalhekk għandhom jiġu lliberati mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti, u dana stante li l-mejjet Aniello Farillo la kien membru tal-ekwipaġġ tal-imsemmi bastiment u wisq anqas ma kien impiegat magħhom. Fil-fatt, il-mejjet Aniello Fariello kien impjegat ma' Palumbo Malta Shipyards Limited li kellha fil-kustodja tagħha l-bastiment bl-isem 'MV Galaxy' (IMO Nr. 7358755) meta ġara l-inċident de quo u dan għall-finijiet biex titwettaq 'refurbishment' estensiv fuq l-imsemmi bastiment. B' dana, l-imsemmija tarzna ossia Palumbo Malta Shipyards Limited kienet edotta bil-kundizzjoni tal-imsemmi bastiment u allura kien imiss l-istess soċjeta' sabiex tassigura li ħadd mill-impjegati tagħha ma jweġġa' waqt id- doveri tagħhom, inkluż Aniello Fariello:

5. ILLI minghajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għalhekk għandhom jiġu miċħuda bl-spejjeż kontra r-rikorrenti:

6. ILLI fil-mertu għandu jiġi kkjarifikat illi b'referenza għall-inkjesta maġisteriali li saret mill-Magistrat Inkwirenti Dr. Joseph Mifsud (PV 419/16), l-istess Magistrat Inkwirenti kien ikkonkluda illi l-imsemmi inċident kien wieħed sfortunat b'dan allura l-ebda ħtija ma setgħet tigi attribwita lill-ebda persuna u jew entita'. Ghaldaqstant, it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż;

7. ILLI subordinatament għal-ħames eċċezzjoni u mingħajr preġudizzju, is-soċjeta' eċċipjenti Moby S.p.A. u Antonio Scotto Ciccariello jiċħdu bis-saħħa kwalsiasi rabta mal-inċident u / jew kwalsiasi responsabbilta' għall-inċident u wkoll għall-allegati danni sofferti mir rikorrenti. Inoltre, l-istess eċċipjenti jinsistu illi l-inċident in kwistjoni ġie kkawżat unikament minħabba l-aġir irresponsabbli tal-mejjet Aniello Fariello u ta' Palumbo Malta Shipyards Limited dovuta għan-negligenza, traskuragni u inosservanza tar-regolamenti da parti tagħhom, u dan bħalma ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawża odjerna:

8. ILLI mingħajr preġudizzju għas-suespost, d-danni pretiżi mir-rikorrenti huma wkoll ikkontestati, u r-rikorrenti għandha tressaq kull prova valida skond il-liġi sabiex tipprova it-telf illi allegatament soffriet in segwitu tal-allegat inċident; u

9. ILLI subordinatament u mingħajr preġudizziu għas-suespost, jingħad ukoll illi fl-eventwalita' li s-socjeta' eċċipjenti u jew Antonio Scotto Ciccariello u jew xi ħadd minnhom jinstabu responsabbli għall-allegati danni sofferti mir-rikorrenti, li fil-fehma tal-eċċipjenti m'għandux ikun il-każ, l-istess soċjeta' eċċipjenti Moby S.p.A. u Antonio Scotto Ciccariello xorta waħda huma intitolati jillimitaw ir-responsabbilta' tagħhom u dan ai termini tad-dispożizzjoniiet tal-Liġi u senjatament il-Kap. 234 tal-Liġijiet ta Malta:

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri skond il-liġi."

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-Kawża.

Semgħet u qrat ix-xhieda imressqa fil-perkors ta' dawn il-proċeduri.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet.

Rat li Kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

**Punti ta' fatti**

**1.** L-Attriċi hija omm u l-eredi ta' Aniello Fariello li tilef ħajtu traġikament fuq il-bastiment MV Galaxy gja' MV Banasa, fit-18 ta' Jannar tal-2016. Meta seħħ l-inċident, l-imsemmi bastiment kien sorġut ma' Xatt il-Fabbrika fis-shipyard tal-konvenuta Palumbo. L-imsemmi bastiment kien daħal għaliex kellu bżonn *total refurbishment*. Tant kien fi stat ħażin li lanqas ċertifikazzjoni ma kellu bil-konsegwenza li biex wasal Malta kellu jkun irmonkat mill-Greċja.

**2.** L-imsemmi Fariello tilef ħajtu meta dan il-bastiment kien qiegħed ikun irmiġġjat b'rukkel (capstan) li minnu kienet ġħaddejja ċima. Dan ir-rukkell ċeda u tqaċċat, bil-konsegwenza li waħda miċ-ċimi sparat ossia kkatapultat u laqtet lill-imsemmi f'rasu u li miet instantanjament fuq il-post.

**3.** Il-mejjet kien impjegat mal-konvenuta Palumbo bħala engineer, bl-obbligi tiegħu qua impjegat skont il-kuntratt ta’ impieg datat 16 ta’ Diċembru 2015 (a’ fol 7). Minn naħa l-oħra, l-inċident seħħ fuq il-bastiment li bħala Kaptan kellu lill-konvenut Ciccariello, fil-waqt li l-propjeta’ tal-imsemmi bastiment hija tal-konvenuta Moby.

**4.** Permezz ta’ din il-Kawża l-Attriċi qua eredi tal-mejjet Aniello Fariello, qegħda tfittex lill-konvenuti għad-danni minnha subiti b’konsegwenza tal-inċident inkwistjoni.

**Punti ta’ Liġi**

**5.** F’dan il-każ ser ikun meħtieġ li tiġi eżaminata r-reponsabbilta ta’ kull parti għal dan l-inċident fatali.

In primis irid jingħad is-segwenti:

**6.** Ġie kemm-il darba ritenut li l-prinċipji ġenerali li jirregolaw is-saħħa u s-sigurta' fuq il-post tax-xogħol u r-responsabbiltajiet ta' min iħaddem jew ta’ min ikun responsabbli lejn ħaddiem, huma ben stabbiliti fil-ġurisprudenza tagħna u anke mfissra f'Liġi speċjali. Bħala prinċipju ġenerali l-ħarsien tas-saħħa u s-sigurta` fuq ix-xogħol għandu jitqies ta' interess pubbliku. (Art. 2(a) tal-Att.VII tal-1994 ripetut fl-art 4(1) tal-Att XXVII tas-sena 2000 Kap 424 tal-Liġijiet ta' Malta).

**7.** Sussegwentement dan l-obbligu kompla jiġi regolat bl-Avviż Legali 44 tas-sena 2002 (LS 424.15) u bl-Avviż Legali 36 ta’ l-2003 (LS 424.18). Huwa dmir għalhekk ta' min iħaddem li jipprovdi dik li tissejjaħ bħala “*a*

*safe system of work*", b'dan li huwa obbligu tiegħu li jipprovdi mezzi, apparat u ambjent li ma jkunux ta' perikolu u riskji għas-saħħa u l-ħajja tal-istess impjegat - u dan skond l-Att biex jippromwovi s-Saħħa u s-Sigurta` fuq il-Post tax-Xogħol - Att Numru VII tal-1994 fl-artikolu 2(2)(a) u (b) (Ara fost oħrajn **Sentenzi fl-ismijiet John Sultana -vs- Francis Spiteri et noe tat-28 ta' Mejju 1979, Emmanuel Grech -vs- Carmelo sive Charles Farrugia et noe tas-7 ta' Diċembru 1994, Keith Caruana -vs- Joseph Paris et nomine tat-12 ta' Frar 1999**).

**8.** Dawn il-Qrati jelenkaw b'mod ġenerali d-dmirijiet ta' min iħaddem. Fost dawn dmir ta' kull min jaħdem fuq post tax-xogħol li jħares is-saħħa u s-sigurta' tal-ħaddiema l-oħra fl-istess post, kif ukoll tiegħu stess (Art. 2(2)(c) Att VII tal-1994 u ara **Sentenza fl-ismijiet Robert Azzopardi -vs- Gutenberg Press Limited, Qorti Ċivili Prim' Awla tal-31 ta' Ottubru 2013**).

**9.** Aktar minn hekk issir referenza għas-**Sentenza fl-ismijiet Carmelo Fenech -vs- Malta Freeport Terminals, Ċivili Prim' Awla per Imħallef Joseph R. Micallef tas-16 ta' Mejju 2019** fejn ġie osservat hekk:

"*Illi d-dottrina tgħallem illi fil-qasam ta' responsabbiltà dwar korriment li jseħħ fuq il-post tax-xogħol waqt il-qadi ta' dmirijiet tal-persuna li tkun, japplikaw kemm regoli ġenerali kif ukoll speċjali. Ir-regoli ġenerali jgħabbu lil kull persuna bir-responsabiltà għal egħmil jew nuqqas ta' egħmil tagħha (Art. 1031 tal-Kap 16). B'żieda ma' dan, kull min iħaddem jrid iwieġeb għal aġir mal-ħaddiem tiegħu Art. 1037 tal-Kap 16, sakemm ma jintweriex li*

*dak il-ħaddiem naqas li joqgħod għall-istruzzjonijiet jew għall-prekawzjonijiet li l-imgħallem tiegħu jkun widdbu bihom jew ipprovdielu, jew sakemm ma jintweriex li l-ħaddiem, bi traskuraġni jew b'rieda, ikun hu nnifsu ġab l-effetti tal-inċident b'idejh (Ara App. Ċiv. 28.4.2017 fil-kawża fl-ismijiet Tessie Cardona et vs C.V. Builders Ltd. Et);"*

**10.** B'żieda ma' dan, hija regola oħra ewlenija f'dan il-qasam, li l-imgħallem irid jiżgura li jipprovdi lill-ħaddiema tiegħu b'ambjent li jżomm 'il bogħod kull periklu u dan billi jiżgura li jitħaddem sistema xieraq ta' ħarsien minn kull periklu fejn ikun sejjer isir ix-xogħol minnu mitlub. Fid-dritt, dan id-dmir iġorr miegħu grad għoli ta' responsabbiltà fuq l-imgħallem, u jaqa' fuqu l-piż jipprova li l-inċident ikun seħħ minkejja li jkun ħares dak kollu li l-liġi tistenna minnu f'dan ir-rigward. Huwa wkoll dmir li jitfa' fuq min iħaddem il-piż li jieħu miżuri preskritti xierqa (Art. 6(2) tal-Kap 424) u jġib miegħu wkoll id-dmir tal-għoti ta' tagħrif meħtieġ, l-għoti ta' tagħlim u taħriġ u kif ukoll superviżjoni biex titħares is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiem (Art. 6(3) tal-Kap 424).

**11.** Daqstant ieħor huwa stabbilit li dan id-dmir ta' min iħaddem jitlob ukoll li s-sistema tax-xogħol li jkun irid iħares lill-ħaddiema wkoll fil-każ li r-rutina tal-istess xogħol tnissel sens ta' aljenazzjoni jew traskuraġni (ara **Sentenza tad-9 ta' Settembru 1981 tal-Qorti tal-Kummerċ fl-ismijiet Godfrey Borg -vs- George Wells et noe**). Dan ifisser li jekk sistema jkun ilu jitħaddem għal tul ta' żmien bla ma qatt ikun inqala' xi inċident, dan ma jfissirx li dak is-sistema huwa wieħed sikur jew li jeħles lill-

imgħallem mir-rabtiet imposti fuqu mil-liġi (Ara **Sentenza tal-10 ta' Ottubru 1980 fl-ismijiet Calleja vs Fino**).

**12.** Apparti dan irid jingħad li hemm ukoll grad għoli ta' responsabbiltà li jaqa' fuq min iħaddem ma jeħlisx lil min jaħdem mill-obbligu li jħares is-saħħa u s-sigurtà tiegħu nnifsu u ta' dawk kollha li jistgħu jintlaqtu mix-xogħol li jkun qiegħed iwettaq (Art. 7(1) tal-Kap 424), u b'mod partikolari, għandu jimxi id f'id ma' min ikun qiegħed iħaddmu safejn jidħlu l-obbligi li l-liġi tqiegħed fuq spallejn l-imgħallem u l-awtoritajiet kompetenti (Art. 7(2) tal-Kap 424). Għalhekk għandu jżomm lura milli jqiegħed lilu nnifsu f'sitwazzjoni li tesponih għar-riskju bla bżonn u li joqgħod f'kull ħin attent għal dak li jkun qiegħed jagħmel (Ara **Sentenza tal-Prim Awla tat-30 ta' Ottubru 2008 fl-ismijiet Richard Farrugia vs Elbros Construction Ltd**). Minn naħa l-oħra l-ħaddiem għandu dejjem ikun konxju tal-perikli fuq il-lant tax-xogħol tiegħu u ma għandu qatt jagħmel manuvri azzardati li jgħollu r-riskju tal-ħsara jew tal-korriment lilu nnifsu u 'l dawk ta' madwaru (Ara **Sentenza tal-Prim Awla per Imħallef Tonio Mallia tad-9 ta' Ottubru 2003 fl-ismijiet Kevin Mallia -vs- Alf Mizzi & Sons (Marketing) Ltd**).

**13.** Irid ukoll jingħad li f'każ ta' sinistri ta' din ix-xorta fuq il-post tax-xogħol, il-posizzjoni taħt il-liġi tagħna hija bħal dik prevalenti taħt il-common law Ingliża. Fil-ktieb **Occupational Health & Safety Law ta' Brenda Barrett et (3rd Edit. 1997 paġna 28**) intqal li fejn hemm kuntratt ta' impieg "*it could be said that there was an implied duty to take care for*

*the personal safety of the other party to the contract."* Dan ifisser li kif ġie osservat fis-**Sentenza fl-ismijiet Debono -vs- Malta Drydocks li ingħatat fis-27 ta' April 2005** hu biżżejjed għall-ħaddiem li juri n-nuqqas ta' teħid ta' miżuri adegwati, bl-obbligu mbagħad ikun fuq min iħaddem biex jipprova jiskolpa ruħu.

**14.** Interessanti ukoll dak li jingħad minn Giovanna Visintini fir-rigward tal-liġi taljana dwar infortuni fuq il-post tax-xogħol: "*Passando a' considerare l'altra previsione dell'obbligo di sicurezza a' carico del datore di lavoro anche qui una evoluzione guirisprudenziale che, gia alla fine del secolo scorso, escogita la costruzione dell'obbligo contrattuale di titular l-incolumita' dell'operaio, spostando la casistica delgli infortuni sul lavoro dal terreno della responsabbilita' aquiliana a quella contrattwale con i relattivi vantaggi di ordine probatorio processuale per l'infortunato*" (**Giovanna Visitini, Trattato Breve della Responsabilita' Civile Cedm. Ed 1996. pg 11**).

**15.** Jidher għalhekk, li diversi sistemi ġuridiċi ma jridux li jqegħdu fi svantaġġ proċedurali lill-ħaddiem, li f'sitwazzjonijiet ta' din ix-xorta huwa meqjus bħala l-parti l-aktar vulnerabbli. Dan qiegħed jingħad, mingħajr ebda ħsara għad-dritt ta' min iħaddem, li jressaq il-provi kollha meħtieġa biex jinħeles mir-responsabbilita' tal-okkorrenza tas-sinistru.

**16.** Imma kif intqal aktar 'il fuq din il-Qorti ser ukoll teżamina r-responsabbilta' tal-konvenuti l-oħrajn li dejjem jekk huma responsabbli l-prinċipji fuq elenkati japplikaw għalihom ukoll una volta li l-bastiment kien

f'territorju Malti u di piu ma setgħax jimxi fuq sistema ta' magni awtonomi minħabba l-istatt imwiegħer li kien fih.

**Konstatazzjonijiet**

**17.** Qabel ma din il-Qorti tidħol fil-mertu l-ewwel u qabel kollox trid tkun deċiża l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti Moby u Ciccariello li hija fis-sens li l-azzjoni odjerna hija preskritta bl-artiklu 2153 tal-Kodiċi Ċivili. Dan l-artikolu jistipula hekk:

*"L-azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn".*

**18.** Jekk din l-eċċezzjoni hija fondata, allura fir-rigward tal-parti li issollevata l-kwistjoni tieqaf hawn. Dan ma jfissirx pero' li l-kawża ma għandhiex tkompli fil-konfront ta' dawk li ma tawx din l-eċċezzjoni, għaliex kuntrarjament għall-azzjoni kriminali, fil-kamp ċivili, il-Qorti ma tistax tissolleva eċċezzjoni hi *de marte propio* fl-interess ta' parti li ma qajmithiex.

*<u>Preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili.</u>*

**19.** Il-Qorti mill-ewwel tirrileva, li dak li għandha quddiemha mhux kwistjoni ta' feriti gravi, fejn il-vittma tkun baqgħet ħajja. F'dan il-każ, il-pendenza tirrigwarda mewt li hija ħaġa għal kollox differenti u li tagħmel ukoll id-differenza kollha ai fini ta' preskrizzjoni li twassal għall-estinzjoni tal-azzjoni.

**20.** Issa artikolu 2154 tal-Kodiċi Ċivili jiddisponi li "(*1) Dwar il-preskrizzjoni tal-azzjoni civili ghall-hlas tal-hsarat ikkagunati b'reat, ghandhom jitharsu r-regoli li hemm fil-Kodici Kriminali, ghall-preskrizzjoni tal-azzjoni kriminali. (sottolinear tal-Qorti*)".

**21.** Il-Qorti tissolleva, li r-referenza għal rejat ma hiex biss għal dawk volontarji iżda għal dak li huma involontarji ukoll. Dan tant huwa minnu, li meta l-liġi riedet li tiddistingwi bejn it-tnejn dan għamlitu bħal fil-każ ta' danni morali f'azzjonijiet akwiljani taħt artikolu 1045. Għalhekk *ubi lex non distinguit nemo debemus distinguire*.

**22.** Il-Qorti trid tħares oġġettivament lejn l-event dannuż li jkollha quddiemha, indipendentement mill-fatt jekk qattx ittieħdu proċeduri kriminali jew inħarġitx akkuża kriminali. Għalhekk xorta waħda jrid ikun eżaminat oġġettivament mewta bħal din taħt liema provvediment tal-Kodiċi Kriminali taqa'. Issa fil-Kawża li għandha quddiemha ingħad, li ma ittieħdux proċeduri kriminali, ħaġa li din il-Qorti ma tistax tifhem, għaliex fl-umli opinjoni tagħha kien hemm provi biżżejjed biex *prima facie* jiġu istitwiti dawn il-proċeduri.

**23.** Issa fid-dawl ta' dak li jipprovdi artikolu 2154 fuq imsemmi, l-artikolu 225 tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi hekk:

*"(1) Kull min, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, jikkaġuna l-mewt ta' xi ħadd, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien*

*<u>mhux iżjed minn erba' snin</u> jew multa mhux iżjed minn ħdax-il elf sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87*)". (Emfażi tal-Qorti). Għalhekk, għal darba oħra fid-dawl tal-artikolu ċivili fuq imsemmi biex inkunu nafu ż-żmien ta' preskrizzjoni ċivili, irridu naqgħu fuq il-preskrizzjoni penali.

**24.** Artikolu 688 tal-Kodiċi Kriminali jiddisponi fost oħrajn hekk:

"*Bla ħsara ta' fejn il-liġi tiddisponi xort'oħra, l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni -*

*……. ( d) bl-<u>egħluq ta' ħames snin għad-delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' anqas minn erba'snin</u> u mhux anqas minn sena*".

**25.** Dan ifisser li huwa ċar għal din il-Qorti, li ai fini ta' preskrizzjoni ċivili, in virtu' tal-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili, il-preskrizzjoni fil-każ ta' mewt f'azzjoni ex delicto hija ukoll dik ta' ħames snin. (ara ukoll **Sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-3 ta' Marzu, 2011 Appell fl-ismijiet Isabelle u Norman konjugi Borg -vs- Robert Galea u George Serracino**).

**26.** Fil-każ li għandha quddiemha din il-Qorti, l-inċident fatali seħħ fit-18 ta' Jannar 2016. Il-kawża ġiet presentata fid-29 ta' Mejju 2019. Ir-risposta ġuramentata tal-konvenuta Moby u l-konvenut Ciccariello ġiet presentata fit-3 ta' Frar 2020 (a' fol 71).

**27.** B'din ir-risposta dawn il-konvenuti kjarament ġew li taw rwieħhom notifikati miżerjament mid-data tal-presentata tagħha u kif ukoll kull meta

dehret Dr. Abigail Bugeja għan-nom tagħhom u pparteċipat fil-kawża fis-seduti sussegwenti meta kienu għadhom ma ddekorrewx il-ħames snin fuq imsemmija.

**28.** Għalhekk huwa manifestament ċar għal din il-Qorti li l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni għandha tkun miċħuda.

*Il-Mertu*

**29.** L-ewwel u qabel kollox għandu jkun eżaminat x'natura ta' impieg kellu l-mejjet mal-konvenuta Palumbo. Kif diġa' aċċennat, dan kien regolat minn kuntratt datat 16 ta' Diċembru 2015 (a' fol 7). Wieħed irid jara x'kien pretiż mill-konvenuta Palumbo li kellu jagħmel il-mejjet skond dan il-ftehim.

**30.** Skond id-*description of services* fl-ewwel artikolu ta' dan il-kuntratt il-mejjet ġie impjegat hekk:

"*i) The Employer engages the Employee and the Employee accepts employment with Employer in the service of* ***Engineer.*** *The employee may be assigned to different duties according to the operational requirements of the Company and on instruction of the management of the Company which shall endeavour to distribute the Company's human resources in the most efficient manner in accordance with the exigencies of the company from time to time.*

*ii) The Employee shall work were instructed at any location either with Palumbo Shipyards Limited or at any worksite whether work is to be*

*carried out by shipyards employees* *whether on shore, afloat or offshore* *and shall work to the shift system if advised by his superiors and the exigencies of the Company so required having special regard to the orders schedule and current engagements made to the company. The Employee accepts without reservation, any transfers from other branches of the same company group, both on temporary basis and indefinitely"* (a' fol 7 emfażi tal-Qorti).

**31.** Minn dan il-bran tal-kuntratt ta' impieg bejn il-konvenuta Palumbo u l-mejjet jemerġi s-segwenti: li prinċipalment kien qiegħed ikun assunt bħala engineer pero' bil-frażi "*may be assigned different duties*" u bil-fatt li x-xogħol tiegħu seta' jkun "*on shore, afloat or offshore",* ifisser li ma kien hemm xejn li jżomm lill-konvenuta li tordna lill-mejjet li jagħmel xogħol ieħor li mhux neċessarjament ikun relatat ma' enġinerija. Dan ix-xogħol l-ieħor seta' jkun ukoll anke abbord ta' bastiment kif tindika it-tieni parti fuq imsemmija. Il-fatt li jingħad dan kollu, dan ma jfissirx li min jimpjega jista' jordna lill-impjegat tiegħu kwalunkwe xorta ta' xogħol di fatti fis-**Sentenza fl-ismijiet Cini -vs- Wells noe deċiża mill-PA fid-29 ta' Mejju, 2001** ingħad li l-employer irid jara wkoll li l-ħaddiema tiegħu jkunu mistħarrġa għat-tip ta' xogħol li jkunu mqabbda jagħmlu.

**32.** Dan qiegħed jingħad, għaliex il-konvenuta Palumbo fit-tielet eċċezzjoni tagħha tgħid li ma tistax tifhem kif il-mejjet kien abbord tal-bastiment waqt l-irmiġġjar tal-vapur għaliex dan ma kellu ebda ħtieġa u

wisq anqas ma ngħata ebda ordni jew direttiva biex ikun abbord il-bastiment u dan għaliex ukoll li kien ingaġġat bħala inġinier (a' fol 62).

**33.** Imma f'din l-eċċezzjoni l-konvenuta Palumbo ma hiex preċiża, għaliex il-kuntratt li kellu l-mejjet seta' jiġi mogħti xogħol bħal dak li kien qiegħed jagħmel. Anzi kienet kundizzjoni espressa li hu seta' "…*be assigned different duties*" u għal din il-Qorti l-irmiġġjar jammonta għal "*different duty*". Din il-frażi tfisser dak li tfisser u ċioe' xogħol differenti minn dak li kellu jkun ix-xogħol primarju tiegħu.

**34.** Il-konvenuta Palumbo tgħid, li l-mejjet qatt ma ngħata struzzjonijiet li jkun fuq il-bastiment. Fl-ewwel ma jirrisultax b'mod ċar u univoku li tali ordni ma ingħatatx. Pjuttost il-kuntrarju. Ordni bħal din tista' tkun desunta anke mit-tolleranza ta' min jimpjega li jħalli lill-impjegat iwettaq xogħol li ma kienx impjegat bih jew ma kellux il-ħiliet neċessarji.

**35.** Il-Kaptan tal-vapur għid li "…. *Aniello Fariello quasi tutti i giorni veniva sul Galaxy e dirigeva gli operai di Palumbo.*" (a' fol 258 emfażi tal-Qorti). Skond il-Kaptan Reuben Lanfranco "*Is-ship repair manager meta bastiment ikun involut fid-dock, jew fl-inhawi tad-dock, ikun involut fil-mooring*" (a' fol 318). Talpan Marian-Catalin għid li "*Before the incident happened, Nello helped me and Petri to put down the ropes to the jetty*" (a' fol 268. Ara ukoll rapport tal-Enginier Cesare Barzaghi a' fol 555).

**36.** Għalhekk fil-mument tal-inċident, il-mejjet kien f'wiċċ kulħadd qiegħed jipparteċipa fl-irmiġġjar tal-bastiment u fil-jiem ta' qabel kien ta'

kuljum ikun fuq dan il-bastiment. Il-Qorti issibha diffiċli biex temmen li l-konvenuta Palumbo ma kienx jaf bil-presenza frekwenti tal-mejjet fuq dan il-vapur u dan anke fid-dawl li l-kuntratt tiegħu kien jippermetti li jkun assenjat xogħol differenti minn dawk ta' inġinier.

**37.** Issa dan il-vapur kien kważi trappola mortali Dr. Richard Sladden, espert legali inkarigat mill-Maġistrat osserva, li l-Vapur kien fi stat ħażin ħafna (a' fol 164 ara ukoll relazzjoni tal-maġistrat inkwirenti a' fol 190). Il-Maġistrat inkwirenti stabilixxa li l-vapur inkwistjoni kien tneħħitlu ċ-ċertifikazzjoni tal-klassi (*Classification Society Certification*) tal-organizzazzjoni Bureau Veritas fit-13 ta' Awwissu 2013. Dan ifisser li l-vapur ma jistax isalpa mingħajr ma jkollu ċertifikazzjoni ta' Klassi, ħlief jekk jinġibed fuq l-irmonk kif fil-fatt ġie irmonkat minn Greċja (ara xhieda ta' Joseph Calleja a' fol 274).

**38.** L-aħħar rekord ta' spezzjoni mill-Port State Control kienet f'Algericas (Spanja) fit-12 ta' Mejju 2011. Di piu' minn ċirkolari tal-*Maritime Safety Committee* tal-IMO , MSC/Circ 1175 dwar *Guidance on Shipboard Towing and Mooring Equipment* tal-24 ta' Mejju 2005, jirrisulta li dan il-vapur kien nieqes mill-miżuri ta' sigurta' li wieħed normalment jieħu biex jassigura li l-mooring station ma tkunx post ta' perikolu (a' fol 190). Il-Kaptan Rueben Lanfranco għid, li f'ċirkostanzi bħal dawn, kellu jsir risk assessment mill-employer u dan ma sarx (a' fol 602 tergo).

**39.** Interessanti dak li għid ix-xhud Ivan Maiese in kontro eżami "….*<u>che tutte queste cose avrebbe dovuto mettere in allarme la societa</u>'. Chiesto*

*se per Societa' sto refrendo ancora a' Palumbo, dico che si, e' naturale si. Perche alla basica delle qualifiche ci doveva essere un documento di valutazione di rischi*" (a' fol 613). Dan ix-xhud għid ukoll li "….*io dico che la responsabbilita' sono sempre del datore del lavoro, ma lui a piu responsabbilita. Doveva dire Aniello Fariello doveva dirlo 'non devi partecipare alla manovra'*."

**40.** Il-Qorti ukoll tasal għall-konklużjoni, li l-konvenuta Palumbo kellha biżżejjed informazzjoni jew messa kienet taf biċ-ċirkostanzi biex tkun allertata sal-punt, li ma tesponix lill-impjegati tagħha għal perikoli li kien jippresenta dan il-bastiment. Imma l-aktar li jippreokkupa lil din il-Qorti hi, illi saħħa li l-konvenuta Palumbo messha kienet taf bil-presenza tal-mejjet abbord (għalkemm din il-Qorti temmen li kienet tassew taf) waqt il-manuvra tal-irmiġġ fil-ġurnata fatali ma kien hemm ebda safety officer. Fl-ewwel lok biex jassigura li fuq il-Bastiment ma jkun hemm ħadd li missu ma kellux ikun hemm u it-tieni biex jissorvelja li l-operazzjoni kollha kienet qed tkun imwettqa b'sigurta'. Skond L.S 499/3 *"terminal"* tfisser *"post fejn bastimenti jorbtu, jirmiggjaw jew jittrakkaw"* il-bastimenti. Skont L.S 499/3 persuna li torbot jew twettaq irmiġġ ta' bastiment trid tkun liċenzjata. Dan ifisser, li l-konvenuta Palumbo anke din ir-regola injorat.

**41.** Il-Kap 424 tal-liġijiet ta' Malta jiddisponi fil-parti interprettativa tiegħu li: *"'post tax-xogħol' tfisser kull fond, lok, faċilità, jew post jew imkien ieħor, kemm jekk pubbliku jew privat, fejn isir xogħol jew li għalih il-ħaddiem ikollu aċċess waqt il-kors tal-impieg tiegħu u, mingħajr ħsara għall-*

*ġeneralità ta' dak hawn aktar qabel imsemmi, tinkludi vettura jew bastiment meta dak il-bastiment ikun ġewwa xi port f'Malta jew fl-ibħra interni jewterritorjali ta' Malta, jew f'xi tarzna, port jew stallazzjoni simili f'Malta, minbarra bastiment tal-gwerra li jappartjeni lil xi stat barrani"* (Emfażi tal-Qorti) u di piu' artiklu 6.(1) jiddisponi li "*Min iħaddem għandu dejjem jiżgura is-saħħa u s-sigurtà tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol li jkun qiegħed isir għal dik il-persuna li tħaddem*".

**42.** F'dan ir-rigward il-Kaptan Reuben Lanfranco josserva, li qabel ma ssir xi manuvra ta' bastiment simili trid issir laqgħa bejn l-awtoritajiet tat-Tarzna, speċjalment mas-safety officer u l-berthing master kif ukoll il-kmandant u l-boatswain tal-vapur u kif ukoll entitajiet oħra bħal ma huwa t-tug master biex isir risk assessment fuq il-post tax-xogħol qabel ma tibda l-manuvra biex jiġu eliminati problemi li jistgħu jikkaġunaw xi inċident simili (a' fol 163). Dan josservah ukoll il-Maġistrat inkwirenti fil-konklużjonijiet tiegħu (a' fol 193).

**43.** Aktar minn hekk Reg 3 tad-direttiva EU2009/104 tobbliga lil min jimpjega li għandu jieħu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżgura illi t-tagħmir tax-xogħol magħmul disponibbli għall-ħaddiema fl-impriża jew l-istabbiliment ikun xieraq għax-xogħol li għandu jitwettaq jew addattat kif jixraq għal dan l-iskop u jista' jintuża mill-ħaddiema mingħajr ħsara għas-sikurezza jew is-saħħa tagħhom. Issa dan kien Bastiment kollu sadid u saħansitra is-safety zones kienu kkanċellati. Il-Kaptan Reuben Lanfranco prodott mill-Attriċi jgħid li hu ma rax snap zones tant il-Vapur kellu sadid. Dawn huma

żoni, li jkunu immarkati b'żebgħa li jindikaw fejn ma għandhiex toqgħod persuna minħabba perikolu (a' fol 374 ).

**44.** Frażi li bħal donnha influwenzat lil kulħadd kienet dik tal-Kaptan meta għid li "…*secondo me. Questo e'stato un incidente dove Aniello Fariello se e' trovato nel posto sbalgliato nel momemnto sbalgliato. Si poteva essere ogniuno li nel sua posto"* (a' fol 168 u 170). Frażi li fil-fehma ta' din il-Qorti tiddiskrivi s-sitwazzjoni miżerabbbli, ta' dan l-inċident, għaliex bħalli qallu, għandna għalfejn nikkonfortaw għaliex li kieku ma kienx Aniello Fariello kien ikun ħadd ieħor.

**45.** Irrisulta ukoll, li ċ-ċimi ma kienux mgħoddijin sewwa, anzi kienu għaddejjin minn mooring winch żbaljat bil-konsegwenza li ż-żewġ ċimi bdew jagħmlu kuntatt ma xulxin biex b'hekk iċ-ċima li kienet fuq livell aktar ogħli mill-oħra bdiet tgħolli ċ-ċima l-oħra. Di piu' il-pedestal *fair lead rollers* tant kienu mikulin bis-sadid, li lanqas setgħu iduru (a' fol 191). Ir-rapport tal-Maġistrat huwa wieħed pittorjali u jista' jingħad li jikkostruwixxi b'mod preċiż kif seħħ l-inċident.

**46.** Dan kollu jipponta lejn is-segwenti: il-mejjet ma messux kien fejn kien u l-konvenuta Palumbo kellha kull indizzju li dan kien qiegħed ikun fuq il-bastiment. Kien obbligu tagħha li tkun taf bil-presenza tiegħu, għalkemm din il-Qorti ma hiex teskludi li fil-fatt kien ordnat li jkun fuq il-Bastiment abbażi ta' dak li ingħad dwar il-kuntratt tax-xogħol tiegħu.

**47.** Jekk kien hemm każ fejn kellu jkunu hemm risk assessment dan huwa l-każ u jekk qatt kien hemm bżonn ta' xi sorveljanza minn naħa ta' Health Officer tal-Konvenuta Palumbo, ma hemm ebda dubbju li dan kien il-każ fejn kienet meħtieġa il-presenza tiegħu (Ara xhieda tal-Kaptan Rueben Lanfranco supra a' fol 602 tergo). **Fis-Sentenza fl-ismijiet Slack -vs- Elektra Ltd", deċiża fl-20 ta' Frar, 2003,** il-Qorti osservat li min iħaddem għandu l-obbligu u d-dmir li jipprovdi sorveljanza adegwata sabiex l-ambjent tax-xogħol ma jkunx konduċenti għal kwalunkwe forma ta' inċident li jippreġudika lill-impjegati tiegħu.

**48.** Regolament numru 10(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 424.18 (Regolamenti dwar Disposizzjonijiet Ġenerali dwar is-Saħħa u Sigurta`fuq il-Post tax-Xogħol) jipprovdi li għandu jkun id-dmir ta' kull min iħaddem u ta' kull persuna li taħdem għal rasha li tagħmel, jew li tiżgura li ssir, evalwazzjoni xierqa, suffiċjenti u sistematika tal-perikli għas-saħħa u s-sigurtà kollha li jistgħu ikunu preżenti fuq il-post tax-xogħol u r-riskji li jirriżultaw li jikkonċernaw l-aspetti kollha ta' l-attività tax-xogħol. Dawn l-evalwazzjonijiet għandhom jikkunsidraw ir-riskji għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema u ta' persuni li jaħdmu għal rashom li għalihom ikunu esposti waqt ix-xogħol, kif ukoll ir-riskji għas-saħħa u s-sigurtà ta' persuni oħrajn, inklużi dawk li jżuru l-post tax-xogħol, liema riskji jirriżultaw mix-xogħol imwettaq, jew in konnessjoni miegħu, jew mit-tmexxija ta' l-impriża.

**49.** F**"Tort", Winfield & Jolowicz on Tort, 18th edition, 2010** jingħad li: *"A worker who proves that he has suffered injury because the statutory*

*requirement has not been met establishes at least a prima facie case – he is not required to aver what measures the defendant should have taken to comply with the regulation." "Even if the employer is not responsible for defects in someone else's premises…, he may be under a duty to give advice, instructions or orders about commonly encountered hazards. Thus it has been held that in modern conditions the employee of a window cleaner should place an embargo on cleaning upper floor windows by standing on the sill unless there are anchorage points for a safety harness (King vs. Smith [1995] I.C.R. 339)"….."Even if the employer is not responsible for defects in someone else's premises…, he may be under a duty to give advice, instructions or orders about commonly encountered hazards. Thus it has been held that in modern conditions the employee of a window cleaner should place an embargo on cleaning upper floor windows by standing on the sill unless there are anchorage points for a safety harness (King vs. Smith [1995] I.C.R. 339)"* (pg 240).

**50.** Fl-aħħar nett, safejn tirrigwarda r-responsabbilta ta' min iħaddem hija regola oħra ewlenija f'dan il-qasam, li l-imgħallem irid jiżgura li jipprovdi lill-ħaddiema tiegħu b'sistema xieraq ta' ħarsien minn kull periklu (dak li bosta jsejħulu "a safe system of work") fejn ikun sejjer isir ix-xogħol minnu mitlub. Dan id-dmir iġorr miegħu grad għoli ta' responsabbiltà fuq l-imgħallem, u jaqa' fuqu l-piż li jipprova li inċident ikun seħħ minkejja li jkun ħares dak kollu li l-liġi stenna minnu f'dan ir-rigward. (ara **Sentenzi**

**fl-ismijiet Raymond Psaila -vs- Pisciculture Marine de Malte Limited tad-29 ta' Settembru, 2011 u kif ukoll David Gathergood -vs- Anchor Bay Leisures Limited deċiża fit-12 ta' Marzu, 2012, Prim'Awla**).

**51.** Għalhekk din il-Qorti hija konvinta li l-konvenuta Palumbo hija responsabbli għall-mewt ta' Aniello Fariello, f'liema grad hija din ir-responsabbilita' jiddependi minn jekk din il-Qorti issibx ukoll responsabbilita' fil-konvenuti l-oħra.

*Responsabbilita' tal-Konvenuta Moby u l-kaptan*

**52.** Ma hemm ebda dubbju, li l-bastiment ma kienx *in a sea worthy condition* tant li kif diġa' rilevat daħal Malta propju biex issir manutenzjoni sħiħa fuqu għaliex kien malandat. Minħabba f'hekk bil-perikoli kollha li kellu fuqu, bil-fors ried jippermetti li jitilgħu fuqu l-impjegati tal-konvenuta Palumbo. Amadeo Patalano li kien presenti waqt l-inċident għid li qiegħed jikkordina l-operazzjoni għid li "*Nello non doveva far niente, Nello e un ingegnere del cateniere di Palumbo e non faceva parte dell'eqiupaggio del battello.*" (a' fol 165).

**53.** Kif diġa' rilevat, il-kaptan tal-bastiment ukoll għid li kien ra lil Aniello Fariello diversi drabi oħra fuq il-vapur qabel l-inċident. Imma huwa minn awl id-dinja, li jekk bastiment daħal biex jissewwa, fuqu bil-fors ser jitilgħu d-dipendenti u ħaddiema impjegati fit-tiswija tal-bastiment. Dan ma kienx il-każ ta' bastiment li daħal Malta bil-passiġġieri u li telgħu fuqu persuni li ma kienux parti mill-ekwipaġġ u li għalhekk faċilment identifikabbli. Meta

dak li jkunu fada il-bastiment għat-tiswija f'idejn il-kuntrattur, ma jistax ikun evitat li fuqu jitilgħu persuni li ma humiex parti mill-ekwippaġġ, għaliex li kieku ma tkun tista' issir ebda tiswija. Kulħadd kien konsapevoli li dan il-bastiment kien jippresenta perikolu manifest u sa fejn jirrigwarda dan il-perikolu kellu jkun min jimpjega għat-tiswija li kellu jara li dan il-perikolu kemm jista' jkun jiġi newtralizzat.

**54.** Il-Maġistrat inkwirenti stabilixxa, li l-vapur inkwistjoni kien tneħħitlu ċ-ċertifikazzjoni tal-klassi (*Classification Society Certification*) tal-organizzazzjoni Bureau Veritas fit-13 ta' Awwissu 2013. Dan ifisser li l-vapur ma jistax isalpa mingħajr ma jkollu ċertifikazzjoni ta' Klassi, ħlief jekk jinġibed fuq l-irmonk kif fil-fatt ġie irmonkat minn Greċja (ara xhieda ta' Joseph Calleja a' fol 274). L-aħħar rekord ta' spezzjoni mill-Port State control kienet f'Algericas (Spanja) fit-12 ta' Mejju 2011. Di piu' minn ċirkolari tal-*Maritime Safety Committee* tal-IMO, MSC/Circ 1175 dwar *Guidance on Shipboard Towing and Mooring Equipment* tal-24 ta' Mejju 2005, jirrisulta li dan il-vapur kien nieqes mill-miżuri ta' sigurta' li wieħed normalment jieħu biex jassigura li l-mooring station ma tkunx post ta' perikolu (a' fol 190). Imma ma setax ikun mod ieħor, għaliex fir-rejalta' dak li kien qoxra ta' bastiment għall-kaptan kien il-lant tax-xogħol għall-konvenuta Palumbo u kif rajna fid-definizzjoni ta' post tax-xogħol jinkwadra anke bastiment.

**55.** Fil-proċess ma hemm ebda prova li l-Kaptan jew il-propjetarji tal-vapur kienu konsapevoli li Aniello ma messux kien fuq il-bastiment għaliex

fl-aħħar mill-aħħar tassew kien impjegat tal-konvenuta Palumbo. La l-konvenuta Moby l-anqas il-konvenut Ciccariello ma kienu jimpjegaw lill-konvenut. Jekk qatt huma responsabbli għall-ekwipaġġ tal-vapur. Kien sta għall-konvenuta Palumbo, li qabel ma tibda xogħol tivverifika r-riskji tal-perikoli li kien hemm fuq dan il-vapur biex b'hekk tkun tista' tieħu dawk il-miżuri kollha biex tħares lill-impjegati tagħha.

**56.** Għalhekk din il-Qorti tqies, li kemm il-konvenuta Moby u kif ukoll il-konvenut Ciccariello ma għandhomx iwieġbu u ser ikunu lliberati mill-osservanza tal-ġudizzju.

*<u>Id-danni</u>*

**57.** Ix-xenarju li għandha quddiemha din il-Qorti f'din il-Kawża huma differenti minn dawk meta jintalbu mill-persuna iddanneġġjata innifisha. Terġa' u tgħid, lanqas qed jintalbu mid-dipendenti diretti għaliex il-mejjet kien ġuvni u la kellu mara u lanqas tfal. F'din il-Kawża qegħdin jintalbu mill-omm fil-kwalita/ ta' eredi tal-mejjet Aniello Fariello. Qabel xejn il-Qorti issib li mid-dokumenti esebiti tassew l-Attriċi Maria Matruscelli, hija omm u l-eredi skont il-liġi tal-mejjet.

**58.** Il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-Sentenza tagħha fl-ismijiet **Sammut -vs- Clamus Holding Limited tat-2 ta Settembru 2012** ingħad:

"*Illi l-parti l-kbira tal-kwistjoni tistrieħ ħafna fuq il-bażi ġuridika li dwarha jingħata l-kumpens meta l-attur ma jkunx il-persuna li kellha x'taqsam mal-inċident, imma tkun qarib ta' persuna li mietet f'dak l-inċident. Il-liġi*

*tagħna fl-artikolu 1046 tgħid ċar, li l-ħlas ta' kumpens huwa dovut lill-werrieta tal-persuna l-mejta u mhux lid-dipendenti, imma, fl-istess waqt, tqabbel l-ammont ta' kumpens ma' dak li jiġi likwidat fil-każ ta' inkapaċità totali għal dejjem skond ma jipprovdi lartikolu 1045*".

**59.** Iżda l-istess Qorti tal-Appell, minn żmien qabel is-Sentenza ta' Butler -vs- Heard, kienet fissret li, f'każ ta' inċident li fih il-vittma tmut, il-kumpens ma jingħatax lid-dipendenti tiegħu imma lill-werrieta, u qalet ukoll li, fil-kalkolu tat-telf ta' qligħ għall-ġejjieni, m'hemm stabiliti l-ebda regoli fissi li fuqhom il-Qorti tista' ssejjes il-konsiderazzjonijiet tagħha.

**60.** Jeħtieġ jitħarsu ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ partikolari u, għalkemm il-Qorti m'għandhiex tirrifjuta li tikkalkola l-kumpens minħabba l-element ta' imprevedibilità, għandha tqis b'moderazzjoni l-ammont ta' kumpens minħabba l-element għoli ta' konġettura li jdur mal-aspett ta' x'jista' jseħħ fil-ġejjieni.

**61.** Fi żvilupp ta' dawn l-aħħar snin, din il-Qorti, b'tifsira iżjed aġġornata ta' dak li jgħid l-artikolu 1046, qieset li meta f'każ ta' mewt l-atturi qraba tal-vittma jfittxu għall-kumpens tal-ħsara mġarrba bħala werrieta, ikunu qegħdin jagħmlu dan għaliex daħlu fil-libsa legali tal-vittma minħabba ċ-ċirkostanza ta' mewtu, u mhux fuq bażi ta' dipendenza u għalhekk jistħoqqilhom jippretendu li jirċievu dak li kien ikun jistħoqq lill-qarib tagħhom, kif tgħid il-liġi nnifisha, kieku f'dak l-inċident ma mietx imma ġarrab ġrieħi li jkunu ħallewh għal kollox inkapaċi. B'danakollu, jidher li l-bażi vera tal-jedd tal-azzjoni mogħtija lill-werrieta tal-vittma l-mejta

m'huwiex jedd mogħti iure hæreditatis, iżda jedd speċifiku mogħti mil-liġi lilhom ex jure proprio, u mhux minħabba trasmissjoni ope successionis.

**62.** Fil-fehma ta' din il-Qorti, dan ir-raġunament isib kenn ukoll f'dak li kienet qalet il-Qorti tal-Appell fis-**Sentenza fl-ismijiet Petrie et -vs- Ciappara tat-22 ta' Ġunju 1964**, fuq imsemmija, meta fliet il-kawżali li l-liġi tagħna tqis għal-likwidazzjoni tal-kumpens taħt l-artikolu 1045 li, kif ingħad, huwa espressament applikabbli fil-każ ta' mewt minħabba inċident skond l-artikolu 1046 li jiddisponi hekk:

"*Jekk minħabba l-għemil li jagħti lok għad-danni xi ħaddimut, il-qorti tista', flimkien mat-telf u spejjeż attwali ikkaġunati,tagħti lill-werrieta tal-mejjet id-danni, bħal fil-każ ta' inkapaċità totali għal dejjem, skont id-dispożizzjonijiet tal-aħħar artikolu qabel dan*".

**63.** Il-punti ewlenin imsemmija f'dik is-sentenza għandhom jissemmew fil-qosor:

(a) li l-artikolu 1045 jikkontempla erba' għamliet ta' danni li għandhom jiġu risarċiti – jiġifieri:

(i) telf attwali mġarrab mill-vittma;

(ii) spejjeż minfuqin minnu;

(iii) telf ta' paga jew qligħ attwali u

(iv) telf ta' qligħ għall-ġejjieni;

(b) il-vittma jista' jingħata kumpens għat-telf ta' qligħ fil-ġejjieni ukoll jekk ma jintalab jew ma jista' jingħata l-ebda kumpens għal telf ta' qligħ attwali, billi t-telf ta' qligħ attwali mhux kondizzjoni biex jista' jingħata kumpens għal telf ta' qligħ fil-ġejjieni;

(ċ) illi billi l-kumpens huwa mogħti lill-qraba bħala werrieta u mhux bħala dipendenti, il-grad ta' dipendenza mhux kondizzjoni biex jingħata l-kumpens, għalkemm jista' jittieħed b'qies meta jiġi biex jinħadem l-ammont ta' kumpens dovut;

(d) illi, b'effett ta' dan, mhux meħtieġ li jiġi ppruvat li l-vittma kien jaqla' l-flus u/jew li kien jagħti sehem jew jgħajjex bihom lil dawk li wirtuh. Anzi, lanqas id-dipendenza futura m'hija, fil-liġi tagħna, pre-kundizzjoni u fattur essenzjali għall-għoti ta' kumpens;

u (e) illi jibqa' xorta l-fatt li l-qorti jkollha eżerċizzju ta' diskrezzjoni meta tqis l-elementi kollha li jsawru l-każ dwar x'seta jiġri fil-ġejjieni." (enfasi ta' din il-Qorti).

**64.** Applikati dawn il-prinċipji fis-sentenza fl-ismijiet **Crocifissa sive Christine Abela armla ta' George Abela pro et -vs- Valletta Gateway Terminals Limited et**, fil-każ ta' armla il-Qorti naqset 25% minn dak li altrimenti kien ikun dovut kieku it-talbiet qegħdin isiru mill-vittma. Issa din il-Qorti hija tal-fehma li għalkemm veru huma l-eredi li jridu jitolbu d-danni, meta dawn ikunu jiġu mill-mejjet il-grad ta' dipendenza irid jittieħed inkonsiderazzjoni.

**65.** Minn naħa l-oħra fis-**Sentenza fl-ismijiet Emmanuela Galea proprio et noe -vs- Paolo Gatt et deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fl-24 ta' Novembru 1958,** intqal li *"wiehed ghandu jara illi l-ligi, biex tkun gusta, ghandha tassigura illi t-telf pekunjarju u patrimonjali li bata min sofra l-hsara ghandu jkun, kemm jista' jkun, rizarcit. Il-principju hu li l-patrimonju tal-vittma ghandu, jigi, jekk jista' jkun, intermanent re-integrat, b'mod li l-eredi tal-mejjet jitqeghdu kemm jista' jkun fl-istess posizzjoni li fiha kienu jkunu kieku d-disgrazzja ma gratx".*

**66.** Issa din il-Qorti hija tal-fehma li għalkemm veru huma l-eredi li jridu jitolbu d-danni, id-dipendenti diretti minn naħa l-oħra, bħal ma hija l-armla u t-tfal ma għandhomx ikunu injorati u f'każ li d-dipendenti u l-eredi ma humiex l-istess allura dawn jikkompeti pro rata għal dak li jiġi likwidat bħala danni. B'dan il-mod il-Qorti tkun qed tieħu qies ta' dak li intqal fis-**Sentenza deċiża fit-13 ta' Jannar 1995 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet Josephine Desira nomine vs Joseph Cassar,** fejn ġie osservat hekk osservat:-

"*Sitwazzjoni li tidher li tapplika wkoll taht il-ligi Taljana ghal dak li jirrigwarda danni patrimonjali – "in generale, con riguardo ai congiunti, e' stato anche di recente ribadito l'orientamento antico secondo cui in ipotesi di uccisione della persona I congiunti sono legittimati ad agire per il risarcimento iure proprio e non iure hereditatis" (G. Visintini, Trattato Breve della Responsabbilta' Civile, Cedam 1996 pagna 407). Huwa naturali li bhala konsegwenza tal-mewt l-inkapacita' lavorattiva tad-*

*decujus hi totali w id-dizabilita' ghax-xoghol hi ta' mija fil-mija. Mill-banda l-ohra hu wkoll ovvju illi d-danni konsegwenzjali ghall-incident ma jsofrihomx id-decujus imma l-armla w uliedu. Il-ligi tispecifika l-eredi, imma gie kostantement u korrettement ritenut fil-gurisprudenza li dawn ghandhom jinkludu wkoll l-armla anke jekk hi ma hijiex strettament jew dejjem eredi tieghu….. Bhala konsegwenza tal-mewt l-armla u l-ulied jonqsilhom is-sostenn materjali ta' min jipprovdilhom ilmezz ta' l-ghixien u ghal dan il-konvenut ghandu jaghmel tajjeb."* (ara wkoll is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili per **Onor. Imhallef P. Sciberras fl-ismijiet Angelo Galea et vs Silvio Piscopo deċiża fit-3 ta' Ottubru 2003.)**

**67.** Fil-każ li għandha quddiemha din il-Qorti, hija l-omm li qed titlob danni li hija ukoll l-eredi. Min-naħa l-oħra, peress li dawn id-danni huma tax-xorta li jridu jinħadmu fuq il-futur, stante l-eta' żgħira ta' 29 sena tal-mejjet, ma hemm xejn garantit li dan ma kienx ser jiżżewweġ f'xi ħin u għalhekk l-omm x'aktarx ma kienitx tkun l-eredi tiegħu.

**68.** F'dan ir-rigward huwa interessanti li ikun osservat dak li jgħidu ċertu awturi f'dan ir-rigward u cioe' "*The claim brought forward who argued that deceased's father planned to retire in 1995 and the deceased would then have lived with them and have a wage earner who contributed to their household was rehected. But the Court of Appeal held that the test was not whether the dependency claim was established on the balance of probabilities but to consider whether the chance of being*

*established was substantial, that is beyond mere possibility or speculation"* (Munken On Damages and Personal Injuries and Death, Lexis Nexis , 12th Ed, pg 208).

**69.** Fid-dawl ta' dan kollu il-Qorti ser tkun qed tnaqqas l-ammont ta' 50% mis-somma likwidabbli. Il-Qorti ħadet inkonsiderazzjoni ukoll li fil-każ ta' armla tnaqqas 25%.

<u>*Id-danni*</u>

**70.** Bħal ma dejjem jiġri f'każijiet bħal dawn il-Qorti l-ewwel ma tqies l-element ta' responsabbilita` u wara, f'każ li jirriżulta li hemm din ir-responsabbilita`, tikkonsidra d-danni sofferti u ta' liema natura huma.

**71.** Id-danni klassikament dejjem jitqiesu żewġ kwalitajiet: dawk li huma danni effettivi (damnum emergens) u dawk li jikkonsistu f'telf fil-futur (lucrum cessans). Dan joħroġ anke minn dak li jiddisponi artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili li jgħid hekk:

"*Il-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont id-dispożizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-għemil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali, u t-telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-għemil seta' jġib."*

<u>*Damnum emergens*</u>

**72.** Il-Qorti eżaminat b'reqqa u ma rriskontrat ebda danni sinjifikanti f'dan ir-rigward. L-uniku spiża li setgħet għamlet l-Attriċi hija meta ħatret espert l-Italja biex għamel rapport tekniku dwar il-każ mertu tal-Kawża. Riċevuti dwar kemm sewa is-servizz ta' din il-persuna ma ġewx prodotti. Il-Qorti għalhekk qegħda tillikwida arbitrio boni viri s-somma ta' erbgħa mitt ewro (€400).

*Lucrum cessans*

**73.** Il-prinċipji prinċipali huma s-segwenti tal-mod kif għandu jkun likwidat it-telf fil-futur. L-ewwel u qabel kollox il-fehmiet tal-perit mediku maħtur mill-Qorti għandhom iservu bħala mira għall-finijiet ta' likwidazzjoni ta' danni. Pero' fil-każ li għandha quddiemha, l-vittma mietet. F'ċirkostanzi bħal din il-perċentwal jitla għal 100%.

**74.** Huwa wkoll stabbilit li l-multiplier għandu jibda jitqies minn dakinhar li seħħ l-inċident li fih il-vittma tkun ġarrbet il-ġrieħi u mhux minn dak inhar li l-Qorti tasal għal-likwidazzjoni. Minbarra dan, il-bixra ta' ħsieb wara Sentenzi ta' dawn l-aħħar snin f'dan il-qasam qiegħda xxaqleb lejn it-tneħħija ta' skemi riġidi li jistgħu jfixklu l-għoti ta' kumpens mistħoqq u xieraq għaċ-ċirkostanzi.

**75.** Illum huwa stabbilit li l-multiplier ikun jaqbel sewwa mal-eta' tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji. Iżda fis-**Sentenza fl-ismijiet John u Laura konjuġi Ransley vs Edward u Lydia konjuġi Restall tal-25 ta' Jannar 2012** il-Qorti kellha dan xi tgħid:

"*Hawnhekk għandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta' likwidazzjoni tad-danni kien għal żmien twil ibbażat fuq il-prinċipji enunċjati fil-kawża Butler vs Heard deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili Superjuri fit-22 ta' Diċembru, 1967. F'dik il-kawża intqal li fid-determinazzjoni tal-multiplier, wieħed irid jieħu in kunsiderazzjoni c-'chances and changes of life', b'mod li dan il-multiplier ma jwassalx lid-danneġġjat li jieħu kumpens daqs li kieku baqa' jaħdem sad-data li jirtira, iżda l-figura tiġi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittieħed in kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna ddanneġġjata setgħet, fil-kors normali tal-ħajja tagħha, ma waslitx qawwija u sħiħa sa l-eta' tal-pensjoni*". Iżda l-figura użata għall-iskop tal-multiplier mhux dejjem ingħatat l-istess tifsira, u lanqas ma dejjem ġew użati l-istess prinċipji. Dan wassal biex il-**Qorti tal-Kummerċ fil-kawża Lambert vs Buttigieg deċiża fit-18 ta' April, 1963** qalet hekk:

"*F'din il-materja ta' lucrum cessans il-Qorti għandha tipproċedi b'kawtela kbira peress li l-qliegħ hu ħaġa ta' possibilta' u mhux ta' ċertezza u jkun jista' jonqos minn mument għall-ieħor anke għal kwalunkwe kawża materjali bħal mewt jew mard tad-danneġġjat.*".

**76.** Issa din il-Qorti issib li l-aħjar kejl huwa dak tal-eta' tad-danneġġjat fil-mument tal-inċident sakemm jilħaq l-eta' tal-pensjoni soġġett dan il-kejl għall-istat ta' saħħa tad-danneġġjat qabel l-inċident li weġġa' fih. Minn eżami tal-provi ma jirrisultax li l-Attur kien isofri minn xi kundizzjonijiet li setgħu iqassrulu ħajtu. Skond art 4 (xii) tal-kuntratt ta' impieg qabel ma l-

mejjet ġie ingaġġat sarlu eżami mediku u instab li kien fi stat ta' saħħa tajba sabiex jaħdem mas-Soċjeta' konvenuta Palumbo.

**77.** L-Attur twieled fid-19 ta' Jannar 1988 (a' fol 287) u meta miet kellu 28 sena. L-eta' pensjonabbli tiegħu hija dik ta' 65 sena, li jfisser il-mutiplier għandu jkun ta' 37 sena.

**78.** Il-Qorti kkunsidrat ukoll jekk għandux jiġi applikat it-tnaqqis tal-lump sum payment. Skont il-ġurisprudenza stabbilita, il-lump sum payment huwa dak ta' 20%. Dawn il-Qrati għallmu li dan għandu jitnaqqas f'dan il-perċentwal meta jkun għadda żmien qasir mill-event dannuż u s-Sentenza finali (ara **Sentenza fl-ismijiet Scicluna -vs- Meilaq Prim Awla 16 ta' Lulju, 2001**). Fis-**Sentenza tal-Prim Awla Caruana -vs- Camilleri Prim Awla tal-5 ta' Ottubru, 1993** il-Qorti ħasset li minn dan għandu jonqos xi 2% għal kull sena ta' dewmien. Ġie wkoll propost li m'għandux awtomatikament jitnaqqas skont kemm iddum il-kawża: "*jekk id-danneġġant ma jkollux ħtija fid-dewmien tal-kawża, m'għandux ikun hemm tnaqqis fil-lump sum deduction*" – (ara **Sentenza fl-ismijiet Agius -vs- Fenech 29 ta' Ottubru, 2003**). Fis-**Sentenza tal-Prim'Awla fl-ismijiet Mizzi -vs- Azzopardi tas16 ta' Diċembru 2004** is-somma ġiet ridotta bi 18% għax kienu għaddew tliet snin, waqt li fil-kawżi **fl-ismijiet Spiteri -vs- Zammit Tabona App Ċiv Sup tas-16 ta' Marzu tal-1999 u Caruana -vs- Camilleri App Ċiv Sup tas-27 ta' Frar 2004**, minħabba li għaddew 8 snin tnaqqas b'10%. 10% ġie mnaqqas ukoll fis-**Sentenza fl-ismijiet Galea -vs- Piscopo PA 3 ta' Ottubru 2003**, 5% **f'Scicluna vs**

**Meilaq PA 16 ta' Lulju 2001** u 0% fil-**kawżi Turner - vs- Agius App Ċiv Sup 28 ta' Novembru 2003, Bonnici - vs- Gauci PA 15 ta' Settembru 1999** meta għaddew 15-il sena.

**79.** Il-kriterju huwa kjarament marbut mal-perjodu ta' kemm damet il-kawża u mhux minn meta jkun seħħ l-inċident għaliex dawn iż-żewġ perjodi rari jkunu fl-istess sena. Meta din il-Qorti qieset iċ-ċirkostanzi kollha ta' din il-kawża jidhrilha li l-perċentwali ta'14% bħala lump sum payment ikun ġust.

**80.** Fil-każ ta' telf futur, dawn il-Qrati jistrieħu fuq l-aktar fattur ċert: is-salarju prinċipali u kull qliegħ ieħor li kellu d-danneġġjat fil-waqt tal-inċident dannuż u liema qliegħ ikun raġjonevoment wieħed stabbli u fit-tul. Issa bħala nett mill-1 ta' Jannar 2016 sal-31 ta' Diċembru 2016 = €1030 (a' fol 417 ara ukoll xhieda Ambra Rastelli tat-22 ta' Marzu 2022). Għalhekk huwa fuq dan l-ammont ser taħdem il-Qorti.

**81.** Di piu' il-Qorti hija tal-fehma, li ġaladarba si tratta ta' telf futur, ikun ġust ukoll li jiġi kkunsidrat li dak li ser ikun likwidat, fil-ġejjieni dak li ser jingħata issa, ser jitlef il-valur magħruf bħala "purchasing power" dovut dan għall-inflazzjoni tal-prezzijiet. Kif jingħad "*The indication that standard awards would be adjusted for inflation can have a major practical effect. Such adjustment require the use of the Retail Price Index imperfect instrument it may be, it is the best we have".* (Ara Munken on Damages for Personal Injuries and Death; 12th Ed. Lexis Nexis pg 73).

Issa r-rata ta' inflazzjoni għas-sena 2019 kienet ta' circa 6% skont il-Bank Ċentrali ta' Malta. Għalhekk l-ammont finali ta' danni ser ikun miżjud.

*Likwidazzjoni tad-danni*

**82.** €1030 x 12 (salarju nett ta' sena) x 37 (Aspettativa tal-ħajja lavorattiva) = €457,320 – €64,025 (14% lump sum payment)= € 393,295 – 50% (għar-raġunijiet fuq spjegati) = **€196,648**. Ma tnaqqas ebda perċentwal għaliex ma hux każ ta' debilita' permanenti imma mewt.

**83.** Mal-ammont ta' €196,648 jiżdied l-ammont ta' €400 (damnum emergens)= €197,048 u di pju 6% sabiex tagħmel tajjeb għall-inflazzjoni li allura jfisser li l-ammont totali ta' danni huwa ta' **€208, 871.**

**Decide**

Għaldaqastant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi l-kawża bil-mod segwenti:

**Tiċħad** l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti Kaptan Antonio Scotto Ciccariello u Soċjeta' Moby S.p.A;

**Tillibera mill-osservanza tal-ġudizzju** lis-Soċjeta' Moby S.p.A u lil Antonio Scotto Ciccariello.

**Tilqa' l-ewwel talba Attriċi** u tiddikjara lil Palumbo Malta Shipyards Limited (C 48983) unikament responsabbli għall-inċident li seħħ nhar it-18 ta' Jannar 2020 abbord il-bastiment MV Galaxy u illi fih miet Aniello Fariello (illi tiegħu hija werrieta Maria Matruscelli).

**Tilqa' it-tieni talba Attriċi** tiddikjara għalhekk li s-Soċjeta' konvenuta Palumbo Malta Shipyards Limited hija unikament responsabbli għad-danni sofferti mill-Attriċi.

**Tilqa' it-tielet talba Attriċi** u tillikwida d-danni sofferti mill-Attriċi fl-ammont ta' mitejn u tmint elef tmien mija u wieħed u sebgħin ewro (€208,871).

**Tilqa' ir-raba' talba Attriċi** u tikkundanna lis-Soċjeta' konvenuta Palumbo Malta Shipyards Limited (C 48983) tħallas lill-Attriċi s-somma hekk likwidata fuq imsemmija bl-imgħaxijiet legali mill-presenti sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjes kif mitluba a' karigu tas-Soċjeta konvenuta Palumbo Shipyards Ltd.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**